**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001

**Numru 11**

**Avviz. numru 86/01JR**

**Rimus Trading Agency Limited**

**vs**

**Rita Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm99.25) prezz ta' prodotti ta' l-ikel mibjugha mill-konvenuta;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment u ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru, 2000. Il-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-imghax kummercjali komputat mid-data ta' l-ahhar konsenja li kienet fit-8 ta' Gunju, 2000.**

**Semgha x-xhieda ta' dr. paul Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disgha u disghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm99.25) bl-imghaxijiet kummercjali mit-8 ta' Gunju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' l-avviz u ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Novembru, 2000 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**